ĠWANN AZZOPARDI

# ĦAMES DOKUMENTI ĠODDA FUQ MIKIEL ANTON VASSALLI

Waqt li kont qed nirranġa, b'ordni kronoloġiku, sezzjoni ta' mijiet ta' karti sfużi, li huma dokumenti manoskritti, li jinsabu fl-Arkivji tal-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina, laqtet l-attenzjoni tiegħi folja ta' daqs xi ftit akbar mill-oħrajn u ta' lewn aktarx ħadrani ċar, miktuba, jew aħjar kważi mpittra, b'ittri kbar b'linka griża. Il-kittieb ta' dan id-dokument m'hu ħadd għajr Mikiel Anton Vassalli, Missier l-Ilsien Malti. Il-kontenut huwa rikors lill-Arċisqof Ferdinando Mattei u l-ilsien li bih huwa miktub, skond l-użanza ta' dak iż-żmien, hu t-Taljan. L-ittra ma ġġibx data iżda min-nota li niżżel l-Isqof fuqha meta ġiet ippreżentata lilu, jirriżulta li din hija miktuba għall-ħabta ta' Marzu 1822. Fl-istorja tal-ħajja ta' Vassalli din l-ittra tappartieni għall-perjodu meta huwa ġie lura mill-eżilju u beda jagħti l-lezzjonijiet tal-Franċiż għal rasu qabel ma ntgħażel biex jibda jgħallem il-Malti fl-Università b'salarju maħruġ minn Hookham Frere minn flusu.

Din l-ittra awtografa turi sewwa f'liema faqar u miżerja kien jinsab Vassalli f'dawk is-snin, mgħobbi b'dejn li kienu għamlu l-familjari tiegħu meta kien nieqes, b'piż ta' familja bi tlitt itfal żgħar u minsi minn qrabatu anki dawk li kellhom ħafna ġid. L-ittra hija talba lill-Isqof biex jgħinu fil-faqar kbir tiegħu.

Din hi t-traduzzjoni tagħha[1] bil-Malti:

Lill-Eċċellenza tiegħu Reverendissima Monsinjur Mattei Arċisqof ta' Malta.

Eċċellentissimu u Reverendissimu Monsinjur, Mikiel Anton Vassalli minn Ħaż-Żebbuġ, bniedem letterat, jesponi bil-qima li meta ġie lura f'pajjiżu wara li kien ilu 23 sena nieqes, huwa sab li qrabatu mejtin ħallew ġidhom kollu biċċa lil qraba fil-bogħod u biċċa lill-Knisja u l-isptar ta' Ħaż-Żebbuġ.

Billi huwa fqir u issa wasal f'qagħda ta' min jistmerrha, bla impjieg u mgħobbi b'familja jiġifieri mara u tlitt itfal żgħar, ta' 8, 6 u 4 snin, huwa għandu jitlob imqar biċċa minn dawn il-legati piji. Huwa jirrikjama t-twettiq eżatt tat-testment magħmul f'Ġunju 1798 għand in-Nutar Ġużeppi Bonavita, li fih il-kuġina tiegħu Marija Abela, mill-assi ta' madwar 15-il elf skud li kienet tipposjiedi, ħalliet lill-oratur biċċa art miżerabbli ta' mundell u nofs, li huwa issa biegħ bil-prezz ta' 112-il skud u 6 tarì.

Iżda minħabba dejn ta' 200 skud ruman li meta huwa kien nieqes sar mill-parenti tiegħu, mingħajr ma issa diżgrazzjatament jista' jagħraf kemm huma l-ħlasijiet kollha, il-valur ta' din il-biċċa art jinsab sekwestrat. Imma billi Marija Abela fuq imsemmija, fit-testment imsemmi għamlet kondizzjoni espressa li "f'każ li l-modell u nofs li hija ħalliet lil Vassalli jkun sekwestrat jew elevat, l-oratur ma jkollux aktar dritt għalih, imma din l-art tintiret jew tittieħed mil-legatarji l-oħra, li jkollhom jamministraw il-valur tagħha lill-oratur għas-sostentament tiegħu"; U billi l-każ previst seħħ u issa jeżisti tassew:

Għalhekk huwa jirrikorri għall-Ekwità tal-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima biex tiehu ħsieb tordna lill-Prokuraturi ta' l-Isptar u l-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ biex flimkien ma' Saverju Vassallo, ħuh u l-legatarju l-ieħor, jirtiraw mill-aktar fis is-somma msemmija ta' 112-il skud u 6 tarì li ġiet depożitata u sekwestrata fil-Qorti Ċivili biex jamministrawha lil min qed jagħmel it-talba skond l-aħħar rieda tat-testatriċi.

L-oratur minkejja l-biċċa xogħol kbira li wettaq għal dawk li huma letterati u għal pajjiżu billi kiteb u stampa l-uniku dizzjunarju Malti, jinsab f'qagħda ta' ġuħ kontinwu u għera, u bla ebda mezz li bih jissolleva ruħu mill-qagħda kritika ta' miżerja hekk kbira.

Ta' l-Eċċellenza tiegħek Reverendissima,
il-qaddej umli u devot,
Michelantonio Vassalli.

Minn dokumenti oħra li jinsabu fil-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina li jissejħu Status Animarum u li huma l-kopji li l-Kappillani kienu jibagħtu lill-Isqof taċ-ċensimenti li jagħmlu fil-parroċċi tagħhom, kif ukoll mir-Reġistri Parrokkjali taż-Żwieġ tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ jirriżulta li din Marija Abela li ħalliet xi ħaġa lil Vassalli u li kienet ipprevediet x'seta' jiġri, kif fil-fatt ġara, kienet it-tifla ta' Saverja, oħt missieru Grabiel. Din Saverja kienet wisq akbar minn Mikiel Anton Vassalli għax iżżewġet meta huwa kellu biss ħames snin u bintha Marija kienet l-ewwel wild tagħha u għalhekk kważi daqsu fl-età jew aħjar ħames snin inqas minnu.

Mill-arkivju Notarili jirriżulta li din Marija Abela baqgħet xebba u għamlet tliet testmenti fl-atti tan-Nutar Gużeppi Bonavita u fit-tlieta b'xi mod jew ieħor jissemma Vassalli.

L-ewwel testment[2] sar fid-19 ta' Frar 1797. F'dan it-testment hija ħalliet taħt xi kondizzjonijiet lill-aħwa Mikiel Anton u Saverju Vassallo: a) il-proprjetà ta' sehemha minn dar f'Ħaż-Żebbuġ fil-kontrada tal-pjazzetta. L-użufrott ta' dan is-sehem kellu jibqa' jitgawda mill-familjari l-oħra tagħha sakemm dawn jibqgħu ħajjin iżda wara jikkonsolida ruħu mal-proprjetà u hekk jgħaddi wkoll għall-aħwa Vassalli; b) l-użufrott ta' xi bċejjeċ mill-klawsura *Ta' Canfut* u l-kamra ta' magħha. Interessanti li f'dan it-testment tissemma proprjetà li kellu Vassalli flimkien ma' Mro. Battista Abela, missier it-testatriċi u din tissemma bħala konfini ma' art li Marija Abela ħalliet lill-Knisja.

Marija Abela biddlet it-testment tagħha[3] fil-25 ta' Marzu tas-sena ta' wara, jiġifieri meta Vassalli kien ġà arrestat, mitfugħ għal għomru l-ħabs u ħarab minnu. F'dan it-tieni testment tħassret id-donazzjoni tal-proprjetà tad-dar f'Ħaż-Żebbuġ u tħassar ukoll l-użufrott ta' l-għalqa mħollijin lil Mikiel Anton u Saver fit-testment ta' qabel. Iżda Saver biss (Mikiel Anton tħalla barra) kellu jibqa' jgawdi f'ħajtu ħlas ta' żewġ skudi fix-xahar mill-użufrott ta' l-għalqa fil-kontrada *Ta' Ħabel Gharniek* għall-manteniment tiegħu.



Tgħid din kuġintu Marija Abela kienet iddisgustata bis-sehem ta' Vassalli fil-ġrajja politika tiegħu? Tgħid billi kien ħarab mill-ħabs qatgħet qalbha li jerġa' jiġi Malta?

Iżda tliet xhur wara, u preċiżament tlittax-il ġurnata wara l-jum tat-13 ta' Ġunju, 1798 li fih Napuljun semma lil Vassalli bħala wieħed mill-partiġġjani tal-gvern Franċiż u wieħed mill-vittmi tal-qilla ta' l-Ordni, Marija Abela reġgħet biddlet it-testment tagħha[4] u lil Mikiel Anton u ħuh ħallitilhom proprjetà li kienet it-terz ta' sehemha mill-għalqa *Ta Sisien* fil-kontrada *Ta Harram*. Hija wkoll ipprevediet il-possibilità, li fil-fatt seħħet minħabba d-dejn tal-ġenituri tiegħu, li din il-proprjetà tiġi konfiskata mill-Qorti u biex Vassalli ma jitlifx id-dħul tagħha, rabtet lil-legatarji l-oħra li f'każ ta' sekwestru, xorta jibqgħalhom l-obbligu li jħallsu tant kuljum lill-aħwa Vassalli għall-manteniment tagħhom.

Dawn it-testmenti jistgħu jitfgħu xaqq żgħir ta' dawl fuq it-trobbija ta' Vassalli li fuqha ftit li xejn nafu. Din Marija Abela, li l-lejaltajiet tagħha kienu l-familjari, l-Ospizju ta' Ħaż-Żebbuġ u l-Knisja Parrokkjali, tgħid ħasset l-obbligu li tinkludi lill-aħwa subien Mikiel Anton u Saverju (waqt li ħalliet barra lil oħthom Marċella) għax wara l-mewt ta' missierhom u t-tieni żwieġ bikri ta' ommhom, ommha Saverja oħt missierhom kienet ħadet ħsiebhom hi u hekk it-testatriċi trabbiet magħhom? Mikiel Anton Vassalli fir-riskors tiegħu lill-Isqof jilmenta mis-sehem miżeru li din kienet ħallietlu.

U x'sar mir-rikors ta' Vassalli? Kulma nafu sa issa hu dak li hemm miżjud mill-Isqof, skond il-proċedura komuni, jiġifieri li għandhom jinstemgħu l-partijiet. Tgħid mill-istorja tal-legati piji mħollija minn Marija Abela lill-Ospizju u l-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, nistgħu nkunu nafu jekk saritx ġustizzja ma' Vassalli jew le?

U x'kienu r-relazzjonijiet ta' Vassalli mat-tieni raġel t'ommu? Skond Ninu Cremona, kif jirriżulta minn xi kuntratti, dan kien raġel tar-raba'. Bis-saħħa tat-tiftix fl-arkivju Notarili tfaċċali dokument ieħor[5] fuq Vassalli u dan hu xiri minn Vassalli ta' żewġ għoġiela, waħda bajda u l-oħra ħamra, mingħand Gejtu Mifsud minn Ħaż-Żebbuġ. Tgħid fi żmien il-Franċiżi Vassalli kien qed jaqla' l-għajxien tiegħu huwa wkoll mir-raba' u n-negozju ta' l-annimali? U tgħid dan Gejtu Mifsud hu l-istess tieni raġel ta' ommu?

## Id-Dokumenti

### 1. L-ittra ta' Vassalli

A Sua Eccellenza Reverendissima
Monsignor Mattei Arcivescovo
di Malta

Eccellentissimo e Reverendissimo Monsignore,

Michelantonio Vassalli del Zebbug uomo di lettere riverentemente espone che ripatriato dopo 23'anni d'assenza, trovò che i suoi parenti estinti lasciarono i loro beni, parte a parenti lontani, e parte alla chiesa ed ospedale del Zebbug.

Egli essendo povero ed ora ridotto in uno stato deplorabile senza impiego e carico di famiglia cioè di moglie e tre figli minori di 8, 6 e 4 anni, dovrebbe domandare una porzione almeno di detti legati pii; ei reclama la esatta esecuzione del testamento stipolato in Giugno 1798, presso Giuseppe Bonavita Notaro, nel quale Maria Abela sua cugina dall'asse che possedeva di circa 15 mila scudi lascitò all'oratore una miserabile lenza di terra di un mondello e mezzo, ch'ei ora ha venduto pel prezzo di scudi 112 e 6 tari.

Però a cagion di un debito di 200 scudi romani, che in sua assenza fu smorzato dai parenti, senza che si possa ora per disgrazia constatare la totalità de' diversi pagamenti, il valor di detta lenza si trova sequestrato. Ma siccome la suddetta Maria Abela nel menzionato testamento fece espressa condizione, che "in caso che il mondello e mezzo da lei lasciato a Michelantonio Vassallo sarà sequestrato od elevato, l'oratore non avrà più diritto; ma detta lenza sarà ereditata o presa dagl'altri legatari che dovranno somministrare il valore all'oratore per suo sostentamento." Così verificandosi ora ed esistendo il caso previsto:

Perciò ricorre all'Equità di V.E. Reverendissima affinchè si degni ordinare ai Procuratori dell'Ospedale e Chiesa Parrochiale del Zebbug perchè unitamente con Saverio Vassallo fratello ed altro legatario vivente ritirino immediatamente l'enunziata somma di scudi 112 e 6 già depositata e sequestrata nella Corte Civile per somministrarla al patente conforme la ultima volontà della testatrice.

L'oratore nonostante il gran travaglio che fece pei letterati e per la Patria nel comporre e stampare l'unico Dizionario maltese, si trova ridotto ad una continua fame u nudità e senz'alcun mezzo, onde sollevarsi dallo stato di tanta miseria.

Di Vostr'Eccellenza Reverendissima,
l'Umilissimo e Devotissimo Servitore
Michelantonio Vassalli.

Nostra Magna Curia auditis interesse habentibus super expositis Nobis referat.
Datum Vallettae in Palatio Nostro Archiepiscopali die 12 Martii 1822.
F.F. Archiepiscopus Episcopus Melitae.

Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina, Arkivju tal-Kurja Episkopali, Atti Oriġinali.



### 2. It-Testment ta' Maria Abela ta' l-1797

A di' ix Febraro xv Ind. 1797.

Nel nome del Signore.

Sia noto e manifesto, che Maria figlia Zitella di Mro Battista Abela della Città Rohan da me Notaro conosciuto presente benche inferma di corpo sana però di mente, vista, udito, senso ed intelletti .........

Più la detta donante ha donato, e dona alla Ven. Lampada di detta Santa Parrochiale Chiesa ......... la parte e porzione con segni divisa della clausura di terra detta ta Gharram confinata ......... da ponente con altra porzione posseduta da detto Battista e dal Signor Michel'Anton Vassallo .........

Più la detta donante in titolo di donazione ha donato e dona a Maria seconda moglie di detto Battista ed a Felice Abela fratello di esso Battista l'uso ed usufrutto della metà a lei spettante divisa con segni del luogo di case sito e posto nella detta Città Rohan in contrada della piazzetta consistente detta metà in una entrata coperta, cammera congionta, stanza d'abitazione con cantina sotto e altra superiore e porzione del cortile divisa con segni ......... franca, da conseguirsi ed usufruttuarsi da detta Maria e Felice dal giorno della morte di detto Battista e durante la loro vita di modo che morto uno di essi resterà la detta metà d'esso luogo di casa usufruttata dal superstite sino la di lui morte, e seguita poi la morte d'ambi due l'usufrutto suddetto dovrà come si dirà in appreso al Signor Michel Antonio Vassallo e Saverio suo fratello.

Più detta donante in titolo di detta donazione ha donato alli detti Michel Antonio Vassalli e Saverio Vassallo suo fratello, figli del fu Michele la proprietà della metà del suddetto luogo di case da aversi e possedersi seguita la morte delli suddetti Maria e Felice Abela e Battista Abela con questi però che non sarà lecito alli detti Michel Antonio e Saverio e loro figli e discendenti sino al quarto grado inclusive vendere, alienare, soggiogare, permutare ed ipotecare ed in qualunque maniera trasferire detti beni ma intendersi dovranno li detti Michel'Angelo (sic) a Saverio e loro figli e discendenti sino a detto quarto grado ......... meri usuari e usufruttuarii di detti beni dovendo tali beni essere soggetti al fideicommissio sino il detto quarto grado di detto Michel Antonio e Saverio.

Beninteso però che se detti Michel'Antonio e Saverio moriranno senza figli e discendenti legittimi e naturali o pure tenteranno di vendere o ipotecare detta metà di esso luogo di case in tal caso vuole e comanda essa donante che detta metà pervenir dovrà all'ospedale recentemente eretto in detta Città Rohan .........

Più in titolo di detta donazione la detta donante ha donato e dona alli suddetti Signori Michel Antonio Vassallo, e Saverio Vassallo, l'uso ed usufrutto delle suddette porzioni di detta clausura Ta Canfud colla detta stanza inferiore da aversi ed usufruttuarsi dalli medesimi fratelli de Vassallo dopo morte delli suddetti Battista Abela, Maria Delicata, e Grazia Camilleri e durante vita di detti donatori solamente coll'abbligo di pagare al suddetto Ospedale scudi dieci l'anno dal giorno della morte di detto Battista, Maria e Grazia e durante vita delli medesimi in sussidio delle spese che

occorreranno farsi alli convalescenti di detto Ospedale e morto l'ultimo uno di detti donatari detto usufrutto si dovrà consolidare colla proprietà e pervenir dovrà al suddetto Ospedale ad effetto che le sue rendite saranno convertite ogni anno ed in perpetuo in sussidio delle spese che occorreranno farsi per ..........

Fatto nella Città Rohan ..........

Io Sac. Felice Mifsud per commisione di Maria Abela donante ..........

Atti tan-nutar Ġużeppe Bonavita, 9 ta' Frar 1797: donatio causa mortis pro Maria Abela. (Testment ta' Maria Abela).

**3. It-Testment ta' l-1798**

A di' xxv marzo prima Ind. 1798.

Nel nome del Signore.

Sia noto e manifesto che Maria figlia zitella di Mro Battista Abela della Città Rohan ..........

Espone d'aver fatto in atti miei di 9 febbraio 1797 la sua dispozione a causa di morte ..........

Inoltre detta Maria ha revocato e revoca l'uso ed usufrutto della porzione della clausura ta' Ghebel Gharniech donato in detta dispozione al Signor Michel'Antonio e Saverio Vassallo figli di Gabriele e vuole che la donazione fatta in detta dispozione di tale usufrutto è nulla come se gia mai fasse stato fatta.

Più essa Maria ha revocato e recova la donazione della metà del luogo di case posto in detta Città Rohan in contrada dell a piazzetta donata alli Signori Michel'Antonio e Saverio Vassallo in vigor di detta dispozione e vuole che la donazione della metà di detto luogo di case intendersi dovrà nulla e di nessun vigore.

Dichiara essa donatrice d'aver nella precedente donazione donato a detto Battista Abela, Maria Delicata e Grazia Camilleri l'usufrutto della porzione della clausura ta Ghabel Harnick vuole però che dopo morte di detto donatrice essere ed ordina in vigor della presente donazione usufruttati .......... coll'obbligo però di pagare e detto Saverio Vassallo scudi due al mese vita sua durante, e ciò per sussidio delli suoi alimenti ..........

Atti tan-Nutar Ġużeppi Bonavita, 25 ta' Marzu 1798: testment ta' Battista u Marija Abela.

**4. It-Tielet Testment ta' Maria Abela wkoll fl-1798**

A di' 26 giugno 1798.

Più detta donatrice ha donato e dona ai Cittadini Michel'Antonio e Saverio Vassallo fratelli figli di Gabriele per una terza parte a Maria figlia di Baldassare Delicata e Grazia moglie di Saverio Camilleri per le altre due terze parti, la quarta della clausura posta in contrada ta Harram detta ta Sisien soggetta alla quinta parte delle decime dovute su detta clausura da aversi e possedersi dal giorno della morte di essa donatrice e Battista di lei padre. Con questo però che nel caso la terza parte di detta quarta parte donata a detti Michel Antonio e Saverio Vassallo sarà da qualche d'uno elevata e sequestrata in tal caso la donazione di detta terza parte s'intende



nulla e di nessun vigore dovrà pervenire alli altri legatari coll'obbligo di dover dare a pagare alli detti Michel Antonio e Saverio il valore di detta terza parte a loro donata a tanto al giorno per supplimento dei loro alimenti.

Io Sac. Felice Mifsud per commissione di Maria Abela, etc.

Atti tan-nutar Ġużeppi Bonavita, 26 ta' Ġunju 1978: it-testment ta' Marija Abela.

**5.Il-Kuntratt li jsemmi x-xiri ta' l-għoġiela**

A dì 10 Settembre della ii Ind. 1798.

Il Cittadino Gaetano Mifsud del D. Giuseppe del Cantone Zebbug, da me Notare conoscuito presente, spontaneamente ha venduto, e vende al Cittadino Michel'Antonio Vassalli del fu Gabriele de detto Cantone da me pure conoscuito presente, e comparente due Vitelle l'una di pelo bienco, e l'altra di pelo rosso, quali esso compratore dichiara d'averli avuti, e ricevuti dal detto venditore stipulante per tali quali sono renunciando ..........

Per prezzo di scudi cento di tarì 12 per scudo, quali esso venditore dichiara d'averli avute e ricevute dal detto compratore stipulante in denaro contante inclusi scudi diciotto ponente in moneta d'argento.

Per la qual causa etc. ..........

Promettendo detto venditore difendere ..........

Sotto l'infrascritto patto, che non sarà lecito al detto compratore resituire dette vitelle concorde si troveranno oppresse con malattie o vizzi per i quali dalla legge s'ammette la loro restituzione, e non altro ..........

Le quali cosa ..........

Avendo guirato .......... Onde

Fatto e stipolato nell'occidente della città di Malta presenti l'infrascritti: Io d. Gio. Batta Lefevre per commissione di Gaetano Mifsud.

Michel'Antonio Vassalli. Raymondo Lauron testimone. Gaetano Grossi testimone.

Atti tan-Nutar Ġużeppi Bonavita, 1 ta' Settembru 1798. Bejgħ favur Mikiel Anton Vassalli mingħand Gejtanu Mifsud.

nulla e di nessun vigore dovrà pervenire alli altri legatari coll'obbligo di dover dare a pagare alli detti Michel Antonio e Saverio il valore di detta terza parte a loro donata a tanto al giorno per supplimento dei loro alimenti.

Io Sac. Felice Mifsud per commissione di Maria Abela, etc.

Atti tan-nutar Ġużeppi Bonavita, 26 ta' Ġunju 1978: it-testment ta' Marija Abela.

**5.Il-Kuntratt li jsemmi x-xiri ta' l-għoġiela**

A dì 10 Settembre della ii Ind. 1798.

Il Cittadino Gaetano Mifsud del D. Giuseppe del Cantone Zebbug, da me Notare conoscuito presente, spontaneamente ha venduto, e vende al Cittadino Michel'Antonio Vassalli del fu Gabriele de detto Cantone da me pure conoscuito presente, e comparente due Vitelle l'una di pelo bienco, e l'altra di pelo rosso, quali esso compratore dichiara d'averli avuti, e ricevuti dal detto venditore stipulante per tali quali sono renunciando ..........

Per prezzo di scudi cento di tarì 12 per scudo, quali esso venditore dichiara d'averli avute e ricevute dal detto compratore stipulante in denaro contante inclusi scudi diciotto ponente in moneta d'argento.

Per la qual causa etc. ..........

Promettendo detto venditore difendere ..........

Sotto l'infrascritto patto, che non sarà lecito al detto compratore resituire dette vitelle concorde si troveranno oppresse con malattie o vizzi per i quali dalla legge s'ammette la loro restituzione, e non altro ..........

Le quali cosa ..........

Avendo guirato .......... Onde

Fatto e stipolato nell'occidente della città di Malta presenti l'infrascritti: Io d. Gio. Batta Lefevre per commissione di Gaetano Mifsud.

Michel'Antonio Vassalli. Raymondo Lauron testimone. Gaetano Grossi testimone.

Atti tan-Nutar Ġużeppi Bonavita, 1 ta' Settembru 1798. Bejgħ favur Mikiel Anton Vassalli mingħand Gejtanu Mifsud.